MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2003

Appell Civili Numru. 1967/1998/1

**Crocefissa Sammut armla minn John u Mary Micallef, Joseph u Mandy Spiteri, ilkoll ahwa Sammut**

**vs**

**Joseph Spiteri**

**Il-Qorti;**

Rat l-att ta' citazzjoni pprezentat fil-Prim Awla tal-Qorti Civili illi permezz tieghu l-atturi, wara illi ppremettew illi huma proprjetarji tal-garage li ghandu numru tnejn (2)

f'Tonna Street, Mosta u liema garage huwa mikri lill-konvenut versu l-kera ta' tmienja u ghoxrin liri maltin (Lm28) fis-sena li tithallas bil-quddiem; illi ricentement l-atturi gew fil-pussess ta' kwantità ta' ricevuti rigwardanti din il-kirja u zewg ricevuti minnhom, wahda datata 30 ta' Ottubru 1976 u l-ohra 29 ta' Ottubru 1981 jindikaw li qieghed jigi mikri "**as a store**"; illi l-awturi ta' l-atturi u cioè zewg l-atturi (*sic*) Crocefissa Sammut u l-atturi l-ohrajn ahwa Sammut qatt ma kienu nizzlu dawn il-kelmiet; illi dawn il-kelmiet tnizzlu ad insaputa ta' l-awturi ta' l-atturi, u allura gew hekk vizzjati bi frodi; u illi dawn ir-ricevuti ghalhekk huma foloz, u liema frodi giet ipprattikata mill-konvenut; talbu ghaliex dik il-Qorti m'ghandhiex: 1. tiddikjara li l-kelmiet "**as a store**" fir-ricevuti sudetti huma foloz u liema qerq u frodi gie prattikat mill-konvenut; bl-ispejjez u bil-konvenut ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi, guramentata mill-attrici Crocefissa Sammut, u l-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti relativi;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut illi permezz taghha eccepixxa:

1. Preliminarjament il-principju ***ne bis in idem*** stante li bejn il-partijiet hemm pendenti appell minn sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera tad-29 ta' Lulju 1998, pendenti quddiem Qorti tal-Appell u differit ghas-27 ta' Mejju 1999 proprju fuq Il-kwistjoni tal-allegata falsità tal-ircevuti in kwistjoni. Ghalhekk din il-kawza hi semplicement sdoppjament tal-proceduri fuq l-istess mertu u ghandha tigi respinta billi giet intavolata wara li gie intavolat l-appell imsemmi.
2. Preliminarjament ukoll it-talba attrici hi irrita u nulla billi l-ircevuti gew prezentati fil-mori tal-kawza bejn l-istess partijiet quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera liema kawza giet deciza fid-29 ta' Lulju 1998, minghajr ma gew bl-ebda mod ikkontestati l-ircevuti in kwistjoni. Jekk l-atturi riedu jikkontestaw l-falsità tal-ircevuti wara li inghatat is-sentenza, allura kellhom il-mezz tar-ritrattazzjoni tal-kawza.
3. Illi fil-mertu, mhux bizzejjed li l-atturi jippruvaw li l-kliem tnizzlu ad insaputa taghhom, izda iridu jippruvaw li l-

konvenut stess kiteb dawn il-kliem; il-konvenut jichad li l-kliem “as a store” li jidhru fl-ircevuti saru minnu jew minn min imqabbad minnu, kif donnu jallegaw l-atturi; l-ricevuti dejjem saru mir-ragel ta’ l-attrici Crocefissa Sammut (missier l-atturi l-ohra) u l-kliem “as a store” tnizzlu minnu stess fuq insistenza tal-konvenut, kif jigi spjegat ahjar fit-trattazzjoni tal-kawza.
Salvi eccezzjonijiet ohra; bl-ispejjez;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fl-erbgha u ghoxrin (24) ta’ Marzu, 2000 illi permezz taghha l-istess Qorti laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u, konsegwentement, cahdet t-talbiet [recte: talba] attrici bl-ispejjez kollha kontra l-atturi, u dana wara illi kkunsidrat hekk:
“Illi l-atturi ghamlu din il-kawza stante li qed isostnu li l-ircevuti tal-kera tal-fond numru 2, Tonna Street, Mosta, u senjatament dawk datati 30 ta’ Ottubru 1976 u tad-29 ta’ Ottubru, 1981 fejn hemm indikat li tali fond kien qed jigi mibni [*recte*: mikri] “*as a store*”, huma foloz, stante li ma gewx miktuba mill-atturi, u ghalhekk qed jigi allegat li tali kliem saru frawdolentement mill-konvenut.

“Illi dwar l-istess allegazzjonijiet u konsegwenti talbiet attrici, l-konvenut eccepixxa in "*ne bis in idem*” stante li bejn l-istess partijiet hemm appell pendenti minn decizjoni tal-Bord tal-Kera tad-29 ta’ Lulju 1998, li titratta dwar l-istess punt u inoltre qed jigi eccepit li la darba ma tqajjmet ebda oggezzjoni meta tali ricevuti gew presentati quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera, ma setghatx issir din il-kawza dwar l-istess, wara l-ghoti tas-sentenza, ghaliex *se mai* kellhu jsir biss appell.

Illi giet esebita wkoll sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fl-ismijiet “**Crocefissa Sammut vs Joseph Spiteri**” datata 27 ta’ Mejju 1999, fejn fuq talba sabiex il-Qorti tal-Appell tissoprasjedi, minhabba l-presentata ta’ din il-kawza, l-istess Onorabbli Qorti sostniet illi f’tali materja l-Qorti ghandha tiehu in

konsiderazzjoni dak kollhu rilevanti ghall-fini ta' l-istess, b'mod li dik il-Qorti tkun tista' tasal ghall-ahjar decizjoni li tkun fl-ahjar interess tal-gustizzja, u a bazi tal-atti proceswali ddecidiet li ma jkunx gust li tissoprasjedi, stante li din il-kwistjoni setghet tqajjmet "*per via di eccezzione*" u kienet a konoxxenza tal-appellanti fil-kors tal-proceduri quddiem il-prim' istanza u ghalhekk ordnat il-prosegwiment tas-smiegh tal-appell.

"Illi l-principju ta' *lis alibi pendens* li fuqhom qed jibbaza ruhhu l-konvenut, ilhom li gew stabiliti fil-gurisprudenza taghna u senjatament fis-sentenza ta' din il-Qorti, b'riferenza però ghall-kuncett ta' *res judicata*, li l-principji taghha huma l-istess bhal ta' *lis alibi pendens*, però fl-ahhar kaz is-sentenza ma tkunx ghaddiet in gudikat. Hekk fil-kawza fl-ismijiet "**Registratur tal-Qrati Superjuri vs M of Time Limited**" (**RCP deciza fis-17 ta' Frar 2000**) inghad li biex tissussisti *res judicata* irid ikun hemm "*eadem res*", "*eadem causa petendi*" u "*eadem personæ*" u ghalhekk a skans ta' repitizzjoni, din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li ntqal dwar l-istess, fis-sentenza citata, dwar l-istess elementi.

"Illi applikati dawn il-principji ghall-kawza odjerna, jirrizulta li din il-kawza saret sabiex l-ircevuti hemm indikati mill-konvenut, jigu iddikjarati li saru fil-kliem indikat mill-konvenut sabiex jiffroda lill-atturi.  Illi però jirrizulta li bejn l-istess attrici u l-konvenut hemm Appell pendenti minn decizjoni tal-Bord li Jirregola l-Kera, fejn dawn ir-rikorrenti qed jitolbu l-izgumbrament tal-konvenut mill-istess *garage*, li ghalih jirreferu r-ricevuti f'din il-kawza, u dan ghaliex qed jigi allegat li l-intimat, biddel id-destinazzjoni tal-fond *de quo* billi ma uzahx sabiex jiggaraxxja l-vettura privata, izda qed juza l-istess fond bhala *store* u ghall-uzu kummercjali.

"Illi jigi nnutat ukoll li fis-sentenza li ta l-istess Bord li Jirregola l-Kera fl-istess kawza fl-ismijiet "**Crocefissa Sammut vs Joseph Spiteri**" (**D.M. 29 ta' Lulju 1998**) l-istess Bord innota illi: '*F'cirkostanzi simili trid bilfors issir riferenza ghal xi kitba li setghet saret bejn il-partijiet komprizi l-ircevuti tal-kera u f'dan il-kaz huwa ferm sinjifikattiv il-kliem li bih gie indikat l-uzu tal-fond fl-ewwel*

*ricevuta tat-30 ta' Ottubru 1976 u f'dik tat-22 ta' Ottubru 1981 fejn gew uzati fl-ahhar il-kliem 'as a store'. Fin-nuqqas ta' kontestazzjoni dwar l-awtenticità tal-istess ricevuti fl-intier taghhom …*'.

"Illi ghalhekk minn dan jirrizulta li tali ricevuti kienu già gew esebiti quddiem l-istess Bord u ma saret ebda oggezzjoni mir-rikorrenti, l-attrici odjerna dwar l-istess. Mhux hekk biss izda fir-rikors tal-appell tal-istess Crocefissa Sammut (fol. 17) jinghad testwalment hekk:

*Illi ghalhekk (il-Qorti) striehet fuq dak li hemm miktub fiz-zewg ricevuti tat-30 ta' Ottubru 1976 u 22 ta' Ottubru 1981 fejn gew uzati fl-ahhar il-kliem 'as a store'*.

"Illi l-esponenti anke wara li kellha opportunità tezamina kopja tar-ricevuti fil-mori tal-perijodu ta' dan l-appell, trid tipprova li dawk il-kliem gew mizjuda frawdolentement u di più sostniet fl-istess rikors illi hija kienet ser taghmel kawza sabiex tali kliem fl-istess ricevuta jigu dikjarati foloz. Din hija proprio din il-kawza tal-attrici Crocefissa Sammut flimkien ma' uliedha.

"Illi b'decizzjoni tal-Qorti tal-Appell, wara l-intavolar tal-appell fl-istess kawza, tas-27 ta' Mejju 1999, l-istess Onorabbli Qorti sostniet li apparti l-kwistjoni li tali eccezzjoni tal-falsifikazzjoni taz-zewg ricevuti messha tqajjmet *per via di eccezzione*, l-istess ricevuti kienu a konoxxenza tar-rikorrenti fil-prima istanza u ghalhekk ma kienx gust li tissoprassjedi, sabiex l-ewwel tinstema' din il-kawza (fol. 36).

"Illi ghalhekk mill-istess atti processwali tal-kawza appena citata jidher palezament li dan il-punt dwar l-allegata falsità tal-kliem '*as a store*' indikat fl-istess ricevuti jifforma l-kontestazzjoni principali fl-appell ippresentat mill-attrici wara is-sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera, liema punt ghad irid jigi trattat u deciz mill-istess Onorabbli Qorti tal-Appell, sabiex jigi determinat finalment l-istess appell.

"Illi ghalhekk il-kwistjoni odjerna hija jekk li l-allegata falsità tal-istess ricevuti li qed tintalab li tigi dikjarata f'din

il-kawza, taqax taht il-principju ta' *ne bis in idem* la darba l-istess allegata falsità tal-istess ricevuti, già tinsab migjuba bhala il-bazi tal-appell tal-istess attrici fil-kawza appena citata.

"Illi f'dan il-kuntest huwa opportun li jinghad illi fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna din il-kwistjoni hija konkordi li l-gudikat jifforma ruhhu mhux biss ghar-rigward ta' dak li gie diskuss espressament, imma anki ta' dak li messu gie diskuss, mill-parti li kellha tiddiskutih biex issostni d-domanda jew l-eccezzjonijiet taghha; u l-gudikat ma jigix nieqes minhabba d-diversità tal-motivi tal-'*causa petendi*'. ("**Cole Foods Limited vs Accent Clear Traders Company Limited**" - **FGC. 4 ta' Gunju 1999**).

"Illi fis-sentenza "**Carmelo Bonello vs Onor. Edgar Cuschieri nomine**" (**Ap. 6 ta' Marzu 1950 - XXXIV.I.74**) li kienet sentenza dwar appell mill-Bord li Jirregola l-Kera '*il giudicato si forma non solo in ordine a ciò che fu espressamente discusso, ma ancora a quanto avrebbe dovuto discutersi e non discusso dalla parte che doveva discutere la propria istanza ed eccezzione*' (**Cesare Baldi, Manuale Prattico di Diritto Civile, Vol. 1, p.818**).

"L-istess inghad fis-sentenza '**Antonio Dagri vs Emanuele Dingli**' (**Ap. 27 ta' April 1953**) u cioè li '*hu pacifiku li l-gudikat jassorbixxi kull eccezzjoni li, in meritu ghall-azzjoni, kien missha, jew setghat giet sollevata in relazzjoni ghall-azzjoni stess*'. L-istess inghad fis-sentenza '**Carmelo Camilleri vs Spiru D'Amato**' (**Ap. 2 ta' Marzu 1956 - XL. I. 65**) '*li ma jistax ikun lecitu lill-appellant li jerga' jipproponi l-istess domanda biex jinnewtralizza l-imsemmija decizzjoni precedenti, billi jgib 'il quddiem ragunijiet jew provi li kien jaf bihom, u li seta' u messu jgib fil-kors tal-process l-iehor. Jekk ma ghamilx hekk 'imputet sibi'; u l-imsemmija sentenza tal-15 ta' Gunju 1955 ma tistax tigi injorata u mqeghda fil-genb ghar-ragunijiet pre-ezistenti ghall-prolazzjoni taghha, allegati serotinament*'. L-istess gie ritenut fis-sentenza '**Carmelo Panzavecchia vs Constantino Caruana**' - **11 ta' Gunju 1956 - XLB. 1. 555**).

“Ta’ l-istess portata hija s-sentenza ‘**Tarcisio Sultana vs Louis Micallef**’ (**A.D. 4 ta’ Ottubru 1993**) fejn applikati l-principji fuq annunziati meta wara kawza ghall-hlas ta’ xoghol ta’ appalt fejn il-konvenut baqa’ kontumaci, l-istess wara ghamel kawza li l-appalt gie esegwit hazin, u ghad-danni, u il-Qorti sostniet li la darba dak li qed jitlob l-attur setgha opponieh bhala konvenut fil-kawza l-ohra, allura cahdet it-talbiet attrici, ghaliex it-tqanqil tal-kawza odjerna ‘*huwa intiz biex igib bhala effett li jannulla jew jillimita l-effett tal-istess gudikat*’ (**Cole Foods Ltd. vs Accent Clear Traders Company Limited**).

“Hekk fil-kawza ‘**Joseph Vella vs Emanuel Falzon**’ (**Ap. 25 ta’ Frar 1997**) gie ukoll affermat *illi l-exceptio rei judicatæ (*u *litis pendentia)* ghandhom bhala fundament il-fatti tal-interess pubbliku u wkoll ghax ‘*interest rei publicæ ut sit finis litium*’ u dan ghaliex il-mertu tal-kawza ghalkemm distint minn dak ta’ qabel jifforma parti mill-istess haga, u jekk il-punt kontravers huwa l-istess hemm lok ghall-eccezzjoni tal-gudikat, u dan ghaliex is-sentenza fuq domanda tikkontjeni implic[it]ament ir-rigettazzjoni tal-eccezzjonijiet kollha li setghu jitqajjmu ghall-istess domanda (**XXXVI.I.75**).

“Illi ghalhekk fid-dawl ta’ dawn il-principji, applikati ghall-kaz odjern, u tenut kont tal-fatt li illum f’din il-kawza ma hemmx *res judicata* izda allegazzjoni ta’ litis pendentia, stante li l-konvenut qed isostni li l-mertu ta’ din il-kawza huwa in effetti l-mertu tal-appell citat fl-ewwel eccezzjoni tieghu, din il-Qorti thoss li dan huwa minnhu, ghaliex in effetti il-bazi tal-appell kollhu tal-attrici fl-istess kawza quddiem l-appell, huwa proprio l-allegazzjoni ta’ falsità tar-ricevuti in kwistjoni, li indipendentement mill-kwistjoni jekk tali allegazzjoni tistax titqajjem fl-istadju tal-appell jew le, ghandhu jigi deciz mill-istess Qorti tal-Appell, li certament ghandha l-kompetenza sabiex tiddeciedi l-istess. Illi mhux hekk biss izda necessarjament sabiex l-istess Onorabbli Qorti tal-Appell taghti d-decizjoni taghha, hija sejra tikkonsidra l-istess aggravju tal-appellanti, liema aggravju huwa proprio il-mertu ta’ din il-kawza ukoll, u ghalhekk certament li din il-Qorti ma ghandhiex tiddeciedi fuq punt, li già jinsab a konsiderazzjoni quddiem Qorti

ohra kompetenti. Dan il-principju ta' *ne bis in idem* u *litis pendentia* ma huwa xejn hlief ukoll rikonoxximent ghall massimu li ghandhu jigi evitat li jkun hemm decizzjonijiet konfliggenti fuq l-istess dritt u *causa* bejn il-partijiet medissimi.

"Illi dwar ir-rekwizit tal-eadem personæ din il-Qorti tirreferi ghal dak ritenut fis-sentenza '**Igino Trapani Galea Feriol et vs James Agius et**' (**Ap. 2 ta' Lulju 1996**).

"Illi ghalhekk a bazi ta' dak kollu premess, l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut ghandha tigi milqugha."

Rat ir-rikors ta' l-appell tal-atturi illi bih, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbu illi s-sentenza appellata tigi revokata, imhassra u annullata u dana billi tincahad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut appellat, bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra tieghu;

Rat ir-risposta tal-konvenut illi biha, ghar-ragunijiet hemm esposti, issottmetta illi l-appell interpost mill-atturi ghandu jigi respint, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom;

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravju ta' l-atturi appellanti kontra s-sentenza appellata huwa illi, kontrarjament ghal dak illi ddecidiet l-ewwel Qorti, ebda wiehed mit-tlett (3) elementi illi neccessarjament jridu jikkonkorru sabiex tirnexxi l-eccezzjoni tal-konvenut appellat ta' *lis alibi pendens*, jigifieri *eadem personæ*, *eadem causa petendi* u *aedem res* ma jirrizulta pruvat;

Ikkunsidrat:

Illi, kwantu ghall-element ta' *eadem personæ*, l-appellanti qed jissottomettu illi dan ma jirrizultax pruvat ghaliex, filwaqt illi l-kawza illi l-atti taghha gew allegati permezz ta'

digriet ta' dina l-Qorti tad-disgha u ghoxrin (26) ta' Settembru, 2003 giet intavolata mill-attrici attwali Crocefissa Sammut wahedha, fil-kawza odjerna jiffiguraw ukoll bhala atturi ulied l-istess Crocefissa Sammut, Mary Micallef u Joseph u Mandy Spiteri, ahwa Sammut;

Din is-sottomissjoni ta' l-appellanti mhix valida u dana fuq l-iskorta ta' l-insenjament kontenut fis-sentenza ta' dina l-Qorti fil-kawza fl-ismijiet *Igino Trapani Galea Feriol et vs Jane Agius et* (2/7/1996, Vol. LXX, P. II, p. 804), citata mill-ewwel Qorti. Il-parti ta' din l-ahhar imsemmija sentenza illi hija rilevanti ghall-finijiet tal-punt in ezami hija s-segwenti:
"Però dan ma jfissirx li l-**istess** promoturi ta' l-**istess** procedura jistghu jipproponu mill-gdid kawza identika <u>bl-inseriment ta' persuna li l-presenza taghha mhijiex verament necessarja, minn punto di vista legali</u>, ghall-fini ta' dik il-procedura." (sottolinear ta' dina l-Qorti);
Ghalhekk, il-mistoqsija pertinenti illi tqum hija: Il-prezenza ta' l-imsemmija ulied ta' Crocefissa Sammut hija "verament necessarja, minn punto di vista legali" ghall-fini tal-procedura odjerna? Ir-risposta hija, bla dubbju ta' xejn, "le". Infatti, mill-*affidavit* ta' l-imsemmija Crocefissa Sammut, formanti parti mill-atti allegati (fol. 26 sa 28 ta' dawk l-atti), jirrizulta illi l-istess Crocefissa Sammut hija propretarja ta' nofs indiviz u uzufruttwarja tan-nofs indiviz l-iehor tal-fond illi tieghu kienet talbet l-izgumbrament ta' l-intimat - il-konvenut odjern - fil-kawza relativa. Bhala uzufruttwarja hija kellha dritt tintavola l-kawza ghall-izgumbrament wahedha u, konsegwentement, il-prezenza ta' l-atturi l-ohra fil-kawza odjerna ma kienitx necessarja f'dik il-kawza. Dan il-principju sab applikazzjoni fis-sentenza ta' dina l-Qorti tas-sebgha (7) ta' Ottubru, 1991 fil-kawza fl-ismijiet *Victoria Vassallo vs. Joseph Xuereb* (Vol. LXXV, P. II, p.442). Ghalkemm il-kawza odjerna m'hijiex wahda fejn qed jintalab zgumbrament, m'hemmx dubbju illi din il-kawza saret sabiex jigi ottenut dak illi fil-kawza l-ohra setghet tottjeni l-imsemmija Crocefissa Sammut kieku fiha ghamlet it-talba - kif liberament setghet taghmel - illi ghamlet fil-kawza odjerna. Isegwi illi l-imsemmija Crocefissa Sammut setghet intavolat il-kawza odjerna wahedha u illi, konsegwentement, il-prezenza ta'

l-atturi l-ohra, Mary Micallef u Joseph u Mandy ahwa Spiteri, fil-kawza odjerna m'hijiex "verament necessarja" skond il-ligi;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravju ta' l-atturi appellanti anqas kwantu bazat fuq in-nuqqas ta' l-element ta' *eadem causa petendi* ma huwa fondat. Infatti, dina l-Qorti taqbel ma' dak illi jinghad fil-provvediment moghti fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Mejju, 1999 fil-pendenza ta' l-appell fil-kawza illi taghha jinsabu allegati l-atti (fol. 129 u 130 ta' dawk l-atti) illi dak illi qed jintalab fil-kawza odjerna seta' tqajjem fil-kawza l-ohra *per via di eccezzjone*. Dan stabbilit, kienet korretta l-ewwel Qorti meta fis-sentenza appellata ikkonkludiet illi l-element ta' *eadem causa petendi* jirrizulta pruvat u dana fuq l-iskorta ta' dak illi jinghad fis-sentenza ta' dina l-Qorti tas-sitta (6) ta' Marzu, 1950 fil-kawza fl-ismijiet *Carmelo Bonello vs. Edgar Cuschieri noe.* (Vol. XXXIV, P. I, p. 74), b'riferenza ghall-Qorti ta' l-Appell ta' Firenze tat-tletin (30) ta' Lulju, 1907:
"*il giudicato si forma non solo in ordine a ciò che fu espressamente discusso, ma ancora a quanto avrebbe dovuto discutersi e non discusso dalla parte che doveva discutere la propria istanza ed eccezzione*."

Ikkunsidrat:

Illi, in bazi ghall-istess konsiderazzjonijiet maghmula fil-paragrafu ta' qabel dan, anqas ma jirrizulta fondat l-aggravju ta' l-appellanti kwantu bazat fuq l-element ta' *eadem res*. It-tezi ta' l-appellanti hija illi z-zewg kawzi in kwistjoni m'ghandhomx *eadem res* ghaliex, fil-waqt illi r-*res* tal-proceduri illi bdew quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera hija l-fond numru 2, Tonna Street, Mosta, ir-*res* fil-kawza odjerna hija iz-zewg (2) ricevuti allegatament kolpiti minn frodi. Din it-tezi m'hijiex valida ghaliex, fir-realtà, la darba dawn iz-zewg ricevuti kienu già esibiti fil-proceduri quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera u kellhom importanza krucjali ghall-fini tad-determinazzjoni ta' l-istess proceduri, ma jistghux ma jitqiesux bhala parti integrali mir-*res* involuta fil-kawza relativa. Min-naha l-ohra, ma hemmx

dubbju illi l-iskop ewlieni tal-proceduri odjerni fir-realtà huwa illi finalment l-atturi jottjeni dak illi l-attrici Crocefissa Sammut talbet fil-proceduri l-ohra, jigifieri l-izgumbrament tal-konvenut mill-fond lilu mikri, 2, Tonna Street, Mosta;

Ikkunsidrat:

Illi, ghall-kompletezza, huwa tajjeb illi jigi rilevat illi mill-atti allegati jirrizulta illi l-appell interpost mill-imsemmija Crocefissa Sammut fil-proceduri relativi gie determinat permezz ta’ sentenza pronunzjata fid-disgha (9) ta’ Jannar, 2001, b’ezitu sfavorevoli ghall-istess Crocefissa Sammut;

Ikkunsidrat:

Illi, in vista ta’ dak illi inghad sa issa, hemm lok illi l-appell interpost mill-attur jigi respint. Però, hemm lok ukoll ta’ riforma fis-sentenza appellata stante illi, la darba l-ewwel Qorti ddecidiet illi tilqa’ l-ewwel (1) eccezzjoni, ma kellhiex tichad it-talbiet attrici izda kellha tillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tichdu u billi tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt illi tikkonfermaha kwantu laqghet l-ewwel (1) eccezzjoni tal-konvenut u ordnat illi l-ispejjez tal-kawza jigu sopportati kollha mill-atturi, tirrevokaha kwantu cahdet it-talbiet [recte: talba] attrici u minflok tillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju;

Tordna illi l-ispejjez ta’ din l-istanza jigu sopportati kollha mill-atturi appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------